**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D**

**Appell Nru: 1310/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Patrick Cutajar**

Illum, 27 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Patrick Cutajar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 16274(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-8 ta' Frar 2022 għall-ħabta ta' bejn 12:45hrs u 13:00hrs fi Triq Vincenzo Bugeja, Floriana saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni VDP894, u aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bernardette Aquilina skond kif iċċertifikat Dr Maria Micallef M.D. mill-M.D.H.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 6 ta' Mejju 2024, fejn il-Qorti, "*wara li rat l-Kap. 9 Art 226(1)(b), L.S. 65.18 Art. 36B u L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal multa ta' elfejn u tlett*

*mitt ewro (2300), tletin ġurnata skwalifika mill-liċenzji kollha tas-sewqan u 8 punti fuq il-liċenzji kollha tas-sewqan".*

Rat ir-rikors tal-appellant Patrick Cutajar, ippreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Mejju 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tirrevoka s-sentenza in kwantu sabitu ħati u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena skond il-liġi; u
2. F'kull każ u mingħajr preġudizzju, sussidjarjament għall-ewwel talba, jekk kemm-il darba l-Qorti tara li teżisti ħtija, jitlob li tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 18 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, qabel tinoltra ruħha f'eżami ta' l-aggravji mressqa mill-appellant, il-Qorti ma tistax ma tqanqalx *ex officio* n-nullita' tas-sentenza appellata u dan għaliex din tippekka serjament meta fiha ma hemmx dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront ta'l-appellant. Illi d-*decide* fis-sentenza appellate jaqra hekk;

> ***"wara li rat l-Kap. 9 Art 226(1)(b), L.S. 65.18 Art. 36B u L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal multa ta' elfejn u tlett mitt ewro (2300), tletin ġurnata skwalifika mill-liċenzji kollha tas-sewqan u 8 punti fuq il-liċenzji kollha tas-sewqan".***

Tgħaddi għalhekk, l-Ewwel Qorti, għall-imposizzjoni tal-piena mingħajr ma qabel tiddikjara l-ħtija fl-appellant.

Illi, l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> **"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti <u>illi tagħhom dan ikun ġie misjub ħati</u>, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat." (<u>enfasi ta' dina l-Qorti</u>).**

Illi, għalhekk jidher ċar li r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab ħtija.

Illi, ġialadarba huwa evidenti li fil-parti deċizorja tas-sentenza appellata ma hemmx indikat li l-Qorti qed issib lill-appellant ħati tal-akkuża dedotta kontrih, jikkonsegwi illi wieħed mir-rekwiziti essenzjali stipulati fl-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa għal kollox mankanti, liema mankanza effettivament twassal għan-nullita' tas-sentenza appellata.

Illi, il-Qorti għalhekk qed tiddikjara s-sentenza appellata nulla, u bis-setgħa mogħtija lilha fl-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-każ mill-ġdid, bl-aggravji tal-appellant jitqiesu bħala argumenti difensjonali fil-mertu.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jinsab mixli li fit-8 ta' Frar 2022 għall-ħabta ta' bejn 12:45hrs u 13:00hrs fi Triq Vincenzo Bugeja, Floriana, filwaqt li kien qed isuq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni VDP894, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bernardette Aquilina skond kif iċċertifikat Dr Maria Micallef M.D. mill-M.D.H.

Illi, l-appellant isostni li huwa m'għandux jinstab ħati tar-reat addebitat lilu għal diversi motivi. Jibda' primarjament billi jisħaq li kwalunkwe dikjarazzjoni li huwa għamel lill-Pulizija meta minnha mitkellem *a tempo vergine* m'għandiex titqies bħala prova ammissibbli u dana stante li huwa, fl-ebda ħin, ma ngħata aċċess għall-

assistenza legali. Jisħaq ukoll li għal kuntrarju ta' dak indikat fiċ-ċitazzjoni, l-inċident seħħ fi Triq Vincenzo Dimech u mhux fi Triq Vincenzo Bugeja ġewwa l-Furjana. Finalment jilmenta ukoll li ċ-ċertifikat mediku ppreżentat in atti huwa null u dana stante li l-istess ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 646(7) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi minn eżami akkurat tal-provi prodotti jirriżulta li nhar it-8 ta' Frar 2022, għal ħabta tas-1:00 ta' wara nofsinhar, PS 549 Reuben Pace ġie nfurmat minn PC 1101 K. Azzopardi illi fi Triq Vincenzo Bugeja, fil-Furjana kien seħħ inċident tat-traffiku li fih kienet weġġħet mara li kienet qed taqsam it-triq. L-istess PS 549 Reuben Pace sussegwentment kien infurmat minn PC 1101 K. Azzopardi u minn PC 1308 A. Penza li mara bl-isem ta' Bernardette Aquilina kienet ġarbet xi ġrieħi u ttieħdet iċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana għall-kura. Irriżulta ukoll li l-persuna li kienet qed issuq il-vettura li tajret lil Aquilina kien l-appellant Patrick Cutajar.

Illi, PC 1308 Adrian Penza xehed li niżel fuq il-post tal-inċident flimkien ma' PC 1101 "**fejn sibna lil Bernardette Aquilina kienet qegħdha bilqiegħda fuq bank waqt li Patrick Cutajar kien qiegħed hemmhekk ħdejha biex jara x'inqala**". Ikompli billi jgħid li ħadu l-verzjonijiet taz-zewġ partijiet fejn "**is-sinjura qaltilna li kienet qegħdha taqsam minn fuq iz-zebra crossing x'ħin wasslet fl-aħħar il-vettura VDP 894 misjuqa mis-sinjur bir-rota ta' wara laqtilha saqajha u rikbet fuq sieqha tan-naħa tax-xellug**". Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk kienux taw it-twissija lill-appellant qabel kellmuh, huwa wieġeb "**Aħna meta jiġru xi affarijiet hekk sakemm ma nkunux il-kundizzjoni** (?) **nieħdu l-verzjoni ta' fuq il-post. U ħadulu l-verzjoni sakemm ħarġu l-akkuzi**". Illi, mill-*PIRS Report* irriżulta ukoll li skizz tal-inċident ma kienx sar għar-raġuni illi l-vettura involuta fis-sinistru kienet iċċaqalqet minn fuq il-post fejn seħħ l-impatt.

Illi, *a tempo vergine*, il-parte ċivile Bernardette Aquilina stqarret mal-Pulizija illi:-

> "**Kont qed naqsam minn fuq iz-"zebra crossing" u kif wasalt fl-aħħar, dan laqatni bir-rota ta' wara, in-naħa tal-lemin. Għaffiġli l-għarqub ta' saqajja in-naħa tax-xellug u nfatti qalali il-qiegħ taz-zarbun**".

Illi, sussegwentement, Aquilina xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarret li nhar it-8 ta' Frar 2022 kienet qed taqsam minn fuq *zebra crossing* ġewwa l-Furjana, fin-niżla ħdejn id-Depot tal-Pulizija:

> "**u kif qed naqsam iz-zebra crossing dar gas down mill-kantuniera tal-ġnien baqa' ġej ma waqafx u jiena kif kont qed naqsam tlaqt niġri u nqabadli saqajja li għadda minn warajja u għaffiġli saqajja, huwa baqa' sejjer kellhom ituni l-għajnuna in-nies umbagħad ġie kwazi wasslu l-pulizija**" ... "**umbagħad qalli weġġajtek għax kont mgħaġġel imma jien mnalla għenuni n-nies għax għadda minn fuq saqajja u baqa' sejjer**".

Tikkjarifika li l-vettura kienet qed tinstaq b'veloċita' eċċessiva u fir-rigward tal-ġrieħi li subiet fl-inċident tgħid li għadha qed tirċevi l-kura u t-terapija u qed tistenna sabiex isirilha intervent kirurġiku.

Illi, fil-fatt, mill-*affidavit* redatt minn Dr Maria Micallef li kienet eżaminat lill-parte ċivile wara l-inċident irriżulta li din tal-aħħar kienet subiet is-segwenti ġrieħi -

1. **Uġiegħ madwar l-aspett laterali tas-sieq ix-xellugija, kif ukoll nefħa u tbenġila fuq l-istess parti.**
2. **Ksur fil-'distal interphalangeal joint' tas-sebgħa z-zgħir fis-sieq tax-xellug u ksur fil-cuboid.**
3. **Illi n-natura ta' dawn il-ġrieħi hija gravi.**

**Ikkunsidrat:**

Illi, għalkemm il-leġislatur naqas milli jagħti spjegazzjoni tat-termini "*nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni*", madanakollu l-Qrati tagħna dejjem interpretaw dawn it-termini bħala nuqqas ta' attenzjoni u ta' teħid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'ċirkostanza partikolari. *Di piu'*, il-ġurista Sir Anthony Mamo, fin-Noti tiegħu, jistipula illi għalkemm il-leġislatur jonqos milli jagħti definizzjoni ta' dawn it-termini pero';

> "***it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances***." Il-Professur Mamo jkompli jsostni li "***the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen***"[1].

[1] Lectures in Criminal Law, Volume 1.

Illi, din hija t-teżi li dejjem ġiet aċċettata mill-Qrati tagħna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Richard Grech"[2] ġie deċiż li l-kunċett ta' traskuraġni jimplika "**certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali**." Għaldaqstant skond l-insenjament tal-ġurisprudenza nostrana, li llum il-ġurnata hija *ormai* waħda palesi, sabiex l-appellant seta' jinstab ħati kien jeħtieġ li tali ħsara tkun preveddibli, għalkemm mhux prevvista.

Illi, huwa prinċipju ben stabbilit li sewwieq għandu l-obbligu li jżomm l-hekk imsejjaħ "*proper look out*", tant illi kif deċiż minn din il-Qorti, "**... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x' aktarx kienet tigi evitata jew x' aktarx li ma kinitx issehh f' dak il-grad li effettivement sehhet...**"[3]. Dan magħdud, madanakollu, anke jekk għall-grazzja tal-argument, l-appellant ma żammx il-'*proper look out*' u l-provi prodotti jindikaw li anke kieku tali '*proper lookout*' inżamm xorta waħda kien iseħħ dan l-incident, mela allura l-appellant ma jista' qatt jinsab ħati stante li l-inċident ma kienx wieħed prevedibbli.

Illi, bħala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid tagħti lit-terminoloġija *culpa*, għalhekk jibqa' dejjem li l-elementi tagħha huma l-volontarjeta' ta' l-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannużi ta' dak l-att u l-possibbilita' ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannużi. Jekk l-effetti dannużi ma kienux prevedibbli, ħlief b'diliġenza straordinarja li l-liġi ma tesiġix u li *semmai* tista' ġġib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx ħtija[4].

Illi, dak illi għandu jiġi stabbilit finalment huwa jekk l-event kienx wieħed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emerġenza subitanea, tant għalhekk illi l-event dannuż ma seta' qatt jiġi evitat anke jekk bl-ezerċizzju għoli ta' diliġenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imġieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bħal din ċertament teskludi kull forma ta' negliġenza, imprudenza, traskuraġini jew non-osservanza tar-

[2] Deċiża nhar il-21 ta' Marzu, 1996 per Onor. Imħallef V. DeGaetano.
[3] Deċiża nhar is-6 ta' Ġunju, 2003 per Onor. Imħallef V. DeGaetano.
[4] *Vide* "Il-Pulizija vs John Vella", deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.

regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li jfassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.

Illi, spjanat dan l-insenjament ġurisprudenzjali u ta' dottrina, u abbinati mal-fatti kif jirriżultaw mill-provi, il-Qorti trid tara jekk dak li wassal għall-inċident *de quo* kienx riżultat ta' kondotta volontarja negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, u jekk din ġietx segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuż involontarju tal-appellant jew jekk mill-banda l-oħra kienx hemm xi fattur ieħor li minħabba fih l-event dannuż ma seta' qatt jiġi evitat.

**Ikkunsidrat:**

Illi, qabel kull konsiderazzjoni dwar il-mertu il-Qorti ser tiskarta kwalunkwe dikjarazzjoni li l-appellant għamel lill-Pulizija meta kien minnha mitkellem *a tempo vergine* u dana għaliex jirriżulta illi huwa ma ngħatax il-kawteli kollha skond il-liġi, hekk kif kellu d-dritt li jingħata. Dan irrendi kull dikjarazzjoni li għamel bħala prova inammissibbli u li ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni.

Illi, jingħad imbagħad illi għalkemm l-appellant jisħaq li l-isem tat-triq fejn seħħ s-sinistru stradali kien differenti minn dak indikat fiċ-ċitazzjoni, ma nġabet, l-ebda prova li tissostanzja l-istess u għalhekk dina tibqa' biss allegazzjoni imqanqla mill-appellant u xejn iżjed. Minn naħa l-oħra, hemm it-testimonjanza tal-parti offiża Bernardette Aquilina li tikkonferma aktar minn darba li l-appellant kien tiela' jsuq b'veloċita' eċċessiva tant illi lanqas induna li kienet qed taqsam minn fuq l-istrixxi pedonali u baqa' għaddej minn fuq saqajha bil-vettura tiegħu u kawża ta' dan is-sewqan sfat feruta u sofriet diversi ġrieħi fuq il-persuna tagħha. Tikkonferma ukoll li sussegwentement l-appellant waqaf u mar ħdejha sabiex jara x'kien ġara. Dana huwa korroborat ukoll mit-testimonjanza tal-pulizija li meta rrikorrew fuq il-post sabu lill-appellant fuq il-post maġenb il-vittma. Minn naħa tiegħu l-appellant ma jagħtix il-verżjoni tiegħu ta' kif seħħ dan l-inċident sabiex b'hekk il-Qorti ma għandiex prova oħra għajr għal verjoni tal-parti offiża.

Illi finalment mill-affidavit tat-tabiba Maria Micallef jirriżulta ppruvat illi f'dan l-inċident il-parti offiża sofriet ġrieħi ta' natura gravi tant illi llum hija għadha ma fiqitx u ser ikollha tagħmel intervent kirurġiku f'saqajha.

Għalhekk, abbażi tal-provi kollha prodotti, dina il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi u li l-appellant għalhekk ma kienx zamm "*a proper lookout*" waqt li kien qed isuq, u kaġun ta' dan in-nuqqas seħħ l-inċident in diżamina.

Illi finalment ġaldarba l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant tinkwadra ruħha fl-artikolu 225 u 226 tal-Kodiċi Kriminali, tqis illi ma hemmx lok għall-applikazzjoni tal-pieni konsegwenzjali stabbiliti fil-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u il-Leġislazzjoni Sussidjarja li tagħmel mal-imsemmija Kapitolu, ġaldarba l-appellant ma kienx mixli b'xi reat ikkontemplat f'din il-liġi .

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara is-sentenza appellata nulla u bla effett skond il-liġi u bis-setgħa lilha mogħtija fl-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu, u wara li rat l-Artikoli 225 u 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-appellant Patrick Cutajar ħati tal-unika mputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf u ħamest mitt Ewro (€1,500).**

**Edwina Grima**

**Imħallef**